MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 63/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Lawrence Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Lawrence Vella (ID no. 135149 (M)) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Ottubru 2010 ghall-habta ta' 7.45 a.m. waqt li kien fl-inhawi ta' l-Imtahleb, waqt stagun miftuh ghal kacca, biegh, offra ghall-bejgh, garr, kellu fil-pussess tieghu, ikkaccja, uza, importa jew iffabrika xi skartocc/skratacc ikkargati b'xi comb ta' daqs iktar minn 3.3 mm f'dijametru u dan bi ksur tar-Reg. 22 L.S 504.71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Jannar, 2012, li biha wara li rat ir-regolament 22, L.S 504.71 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta’ erba` mitt Ewro (€400).
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi kull prova prodotta mill-prosekuzzjoni ghandha tigi skartata peress li kull prova li ttiehdet mill-pulizija saret minghajr ma nghatat qabel il-kawzjoni u twissija lill-imputat li kull haga li tista` jinghad tista` tingieb bhala prova kontrih fil-proceduri kriminali.

Illi fl-assenza ta’ dina t-twissija, gie miksur id-dritt ta’ l-esponent li ma jinkriminax lilu nnifsu, u dan bi ksur ta’ dak li jghid kemm il-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll il-Kostituzzjoni.

Illi ghalhekk il-provi tal-prosekuzzjoni kellhom jigu skartati u kwindi ma kien hemm ebda prova kontra l-esponent.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Rat l-affidavit ta’ PS 1033 Sandro Mangion a fol 5 fejn ingħad hekk:

‘innutajt persuna li kieent għall-kaċċa illi kif inudna bil-pulizija oservjatu jarmi xi skrataċ għal taħt vettura li kienet maġenbu. Meta kellimna lil din il-persuna, dan ammetta

illi rema taħt il-vettura tlitt iskrataċ li kellhom djametru ta' aktar minn 3.3mm.

Rat l-affidavit ta' PS 257 Godwin Scerri li jgħid hekk:

'X'ħin dan il-kaċċatur induna bil-preżenza tagħna deher jarmi xi ħaġa taħt il-vettura tiegħu. Aħna staqsejnieh x'rama mal-art u wara li fittixna sibna tlitt iskrataċ. Dawn kienu t'a qies ta' ċomb ta' aktar minn 3.3mm. Il-munizzjoni kien elevat u PS 1033 ħareġ riċevuta fejn ġiet iffirmata minn Vella.

Fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Godwin Scerri qal hekk:

'Rajnieh jarmi xi skrataċ, morna fuq il-post, urejnieh li rema xi ħaġa taħt il-vettura. Iċċekkjaw x'kienu u rriżulta li kienu żewġt iskratraċ li l-pussess tagħhom huwa illegali minħabba li l-qies tagħhom huwa aktar minn 3.3 mm. Elevajna dawn l-iskrataċ.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ċ-ċomb kien jidher li huwa iżjed minn 3.3 mm u wara ġi ikkonfermat permezz t'a micrometer li għandhom ġeww l-uffiċju. L-appellant ukoll kien qalilhom li kien jaf li ċ-ċomb kien aktar mill-qies li trid il-Liġi.

Fix-xhieda tiegħu PS 1033 Sandro Mangion xehed li keinu sabu lill-appellant li kien qiegħed għall-kaċċa fl-inħawi . Huma u resqin lejh bil-vettura rawh jarmi xi ħaġa taħt karozza. X'ħin waslu ħdejh indunaw li kien hemm tlitt iskrataċ mal-art li rriżulta li għandhom ċomb ta' dijametru akbar minn 3.3 mm. Għall-ewwel l-appellant qal li ma kinux tiegħu iżda mbagħad qal li kienu tiegħu. **Dan ix-xhud qal li kien rah fiżikament jitfa' xi ħaġa taħt karozza**. Għall-ewwel ma kienx jaf x'inhi u imbagħad ġabru l-affarijiet minn taħt il-karozza irriżulta li kienu tlitt iskrataċ.

Fil-kontro-eżami dan ix-xhud qal li l-appellant għall-ewwel kien ċaħad iżda imbagħad qalulu li rawh għax hu kien ħaseb li ma rawhx. Il-kalibru kien ċċekkjat wara għax

għandhom apparat li jkejjel liċ-ċomb. Ir-riċevuta joħorġuha lil persuna kull darba li jelevaw xi ħaġa.

**L-aggravju**

Prattikament dan l-aggravju huwa li l-appellant ma ngħata ebda twissija biex ma jinkriminax lilu nnifsu.

**Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar it-twissija**

L-aħħar duttrina dwar **it-twissija** tidher fil-kawża Kostituzzjonali 'Ir-Repubbblika vs Alfred Camilleri' tat-12 ta' Novembru 2012 fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

'Ghal din il-Qorti huwa rilevanti l-fatt illi qabel kien akkumpanjat id-dar tar-residenza ta' ommu, u qabel l-Ispettur Ciappara għamillu d-domandi, l-appellat ma kienx mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Fiċ-ċirkostanzi, ma jistax jinghad li l-appellat kien
mogħti ghażla li jibqa' sieket. Fil-kaz tal-lum ma hemm l-ebda allegazzjoni illi l-appellat kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Hemm pero` l-kwistjoni, li din il-Qorti tqis gravi, illi l-appellat ma ngħatax il-libertà fl-għażla jekk iweġibx jew le u b'hekk kien privat minn garanzija kontra kull preġudizzju jew riskju ta' awto-inkriminazzjoni.'

Din is-sentenza hija speċikament dwar it-'twissija' u mhux dwar l-'istqarrija.'

**Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar l-istqarrija**

Dwar l-istqarrija li imputat jagħmel lill-Pulizija, l-aħħar dottrina tal-Qorti Kostituzzjonali hija dik fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Charles Muscat' tat-8 t'Ottubru 2012. F'din is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali xorta sabet stqarrija ammissibbli minkejja li ma kienx hemm l-assistenza ta' avukat.

Mill-espożizzjoni t'hawn fuq jirriżulta li t-twissija kellha tingħata f'dan il-każ u għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li ma

tistrieħx fuq dak li qal l-appellant liż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija għal dik li jammonta għal prova dwar il-fatti tal-każ.

Jonqos għalhekk li l-Qorti teżamina jekk fil-proċess hemmx xi provi oħra. Fl-atti hemm  x'raw u x'għamlu l-uffiċjali.  Mix-xhieda jirriżulta li huma raw lill-appellant jarmi xi ħaġa.  PS 1033 Sandro Mangion xehed li meta waslu skoprew li kienu skrataċ.  Dan ix-xhud qal li kien ra lill-appellant **fiżikament jitfa' xi ħaġa taħt il-karozza.**

Għal dik li hija xhieda, kif jiddisponi l-artikolu 638(2) tal-Kap 9,

'ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika  fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa.'

Il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx lix-xhud Ps 1033 Sandro Mangion.

Dwar id-daqs taċ-ċomb, iż-żewġ xhieda qalu li dan kien imkejjel bl-istrument li hemm għad-dispożizzjoni tagħhom.

Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita minn dak intqal taħt ġurament dwar kif kien imkejjel id-daqs taċ-ċomb. Li sar it-test kien ikkonfermat bil-ġurament.  Ma kienx hemm għalfejn li dan il-kejl isir quddiem il-Qorti.

Il-Qorti, wara li  qieset dak li jidher fl-aħħar erba' paragrafi ta' qabel dan,  hija konvinta moralment li l-Prosekuzzjoni ppruvat dan il-każ 'l hemm minn kull dubju raġjonevoli.

## Konklużjoni

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi 'Il-Pulizija vs Lawrence Vella' fil-25 ta' Mejju 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------